**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Illum it-Tlieta 24 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Thibault Stephane Mahaud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Thibault Stephane Mahaud ta' 21 sena, iben Yanick u Alexandra xebba Vanlerbhage mwieled fi Franza nhar is-sitta ta' Frar 1998, residenti lokalment 98, Triq San Ġwann Battista, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' Franċiża bin-numru 151183206259

Akkużat talli nhar it-23 ta' Diċembru, 2019, għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta' filgħodu (0045hrs), fi Triq Ġorġ Borġ Olivier, f'San Ġiljan:

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew imobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2500.00) għad-dannu ta' Micamed Limited;

*Artikolu 325 (1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu innifisu;

*Artikolu 338 (ff) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tobbliga lil Thibault Stephane Mahaud iħallas lill-parti offiża dak l-ammont ta' flus li jista' jiġi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, u dan skond l-Artikolu 28H tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellhux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

L-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fis-seduta tal-lum stess.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih hija ta' erba' (4) snin prigunerija u li jrid jirrifondi d-danni li kkaguna lil parti leza.

Il-Qorti ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

Meta regghet issejhet il-kawza, fuq domanda tal-Qorti, l-imputat wiegeb li kellu hin bizzejjed biex jerga' jiddiskuti mal-Avukat tieghu u ikkonferma d-dikjarazzjoni tieghu li hu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Il-Qorti semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

L-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li seduta stante d-Difiza ghaddietlu l-ammont ta' €6490.00, li jirraprezentaw il-hsarat kollha kagunati mill-imputat lill-parti leza.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Ufficjali tal-Pulizija u rregistra ammissjoni bikrija, precizament fl-ewwel seduta, u cioe dik tal-lum stess.

L-imputat irrifonda lill-parti leza l-ammont kollu tad-danni kagunati lill-parti leza *seduta stante.*

Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ha tghalima tal-izball li ghamel meta siker, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tqis li piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18)-il xahar, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**